PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni

21.9.2007

DOKUMENT TA' ĦIDMA

dwar l-Iżvilupp tal-qafas għall-attivitajiet ta' rappreżentanti ta' interess (*lobbyists*) fl-istituzzjonijiet Ewropej

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni

Rapporteur għal opinjoni: Søren Bo Søndergaard

Fid-9 ta' Novembru 2005 il-Kummissjoni nidiet "L-Inizjattiva Ewropea ta' Trasparenza", li għandha l-għan li ttejjeb it-trasparenza u r-responsabbiltà ta' l-UE sabiex iżżid il-leġittimità tagħha. Fit-3 ta' Mejju 2006 ġiet ippreżentata Green Paper[1], u wara proċess ta' smigħ, nhar il-21 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni bagħtet segwitu ta' komunikazzjoni fuq il-Green Paper[2].

Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali qiegħed ifassal rapport ta' inizjattiva tiegħu stess dwar il-komunikazzjoni li ġġib it-titlu "L-Iżvilupp tal-qafas għall-attivitajiet ta' rappreżentanti ta' interess (*lobbyist*) fl-Istituzzjonijiet Ewropej", INI/2007/2115, ir-rapport Alexander Stubb. Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni kien mitlub jagħti l-opinjoni tiegħu fuq is-suġġett.

Inġibu l-bilanċ favorevoli

L-għan bażiku tar-regolamenti kollha fuq is-suġġett u l-kodiċi ta' kondotta huwa li l-*lobbying* jinġieb fil-miftuħ u li jiġi żgurat li l-*lobbyists* ikunu trattati fuq bażi ugwali. Il-*lobbyists* jagħrfu li m'huwiex fl-interess tagħhom li jaqgħu taħt suspett ta' prattiki bil-moħbi u li huwa essenzjali għalihom li jżommu relazzjonijiet tajba ma' l-istituzzjonijiet ta' l-UE.

Meta niġu biex nistabbilixxu regoli għal-*lobbyists*, huwa importanti li niksbu l-bilanċ xieraq bejn id-dritt taċ-ċittadini, ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u tal-mezzi ta' komunikazzjoni sabiex tkun tista' tiġi identifikata u evalwata s-saħħa tal-forzi mexxejja l-aktar importanti wara attività ta' *lobbying* partikulari – u fl-istess ħin jinżamm ambjent regolatorju li fih dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-persunal tagħhom ikunu jistgħu jilħqu u jirċievu l-*lobbyists*.

B'hekk, l-objettiv tar-rapporteur huwa li jkopri l-attivitajiet tal-*lobbyists* b'mod komprensiv kemm jista' jkun fl-istadju kurrenti. Hemm diversi strateġiji li wieħed jista' jagħżel minnhom bil-għan li jintlaħaq dan l-objettiv.

Ir-regoli attwali fil-Parlament u fil-Kummissjoni

Il-Parlament diġà għandu reġistru ta' *lobbyists*. Madankollu, it-tagħrif li jinsab fih m'huwiex ippreżentat bl-akbar reqqa; bħalissa, l-uniku tagħrif li l-pubbliku jista' jara huwa l-isem tal-*lobbyist* u l-organizzazzjoni li huwa jirrappreżenta. Barra minn hekk, il-Parlament għandu l-kodiċi ta' kondotta b'10 punti tiegħu stess fuq il-*lobbying*, stabbilit fl-Anness IX tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament[3]. Dan jitlob li l-*lobbyists* iżommu lura minn kwalunkwe azzjoni mfassla biex tikseb tagħrif b'mod diżonest u barra dan, biex ma jaffermaw l-ebda relazzjoni formali mal-Parlament fl-ittrattar ta' partijiet terzi.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-Kummissjoni Ewropea, hemm reġistru volontarju ta' rappreżentanti ta' interess, iżda ma teżisti l-ebda proċedura formali jew regoli amministrattivi għall-akkreditazzjoni ta' rappreżentanti ta' interess fil-Kummissjoni Ewropea. Ir-rappreżentanti ta' interess iridu jidentifikaw u jikkuntattjaw lill-uffiċjal rilevanti tal-Kummissjoni u jirreġistraw kuljum sabiex ikunu jistgħu jidħlu fil-bini tal-Kummissjoni

[1] Green Paper dwar "L-Inizjattiva Ewropea ta' Trasparenza" COM (2006) 194 tat-03.05.2006
[2] Komunikazzjoni mis-Segwitu tal-Kummissjoni għall-Green Paper 'Inizjattiva Ewropea ta' Trasparenza ' tal-21.3.2007 COM(2007) 127
[3] Artikolu 3 ta' l-Anness IX tar-Regoli ta' Proċeduri tal-Parlament Ewropew.

Ewropea.

Ir-rapporteur tiegħek jirrikonoxxi l-influwenza tal-*lobbying* fuq it-teħid tad-deċiżjonijiet ta' l-UE u għalhekk jagħraf ukoll li hemm bżonn ta' regolazzjoni. Ħadd ma jista' jsemmi figura eżatta, iżda huwa stmat li Brussell tilqa' madwar 15-il elf *lobbyist*. Il-Kummissjoni ikkalkulat li l-infiq annwali fuq *lobbying* fi Brussell huwa bejn 60 u 90 miljun euro fis-sena[1]. Madankollu, skond partijiet oħrajn iċ-ċifra tista' tilħaq is-750 miljun – biljun euro fis-sena. Fid-dawl ta' l-iżvilupp tan-numru ta' *lobbyists* fi Brussell, l-ammont ta' flus minfuqa fuq *lobbying* (ħadd ma jonfoq somom kbar ta' flus mingħajr ma jistenna xi ħaġa lura) u l-interess u l-ħtieġa li dejjem jikbru għal skrutinju pubbliku, ir-rapporteur tiegħek huwa ta' l-opinjoni li r-regoli kurrenti m'għadhomx suffiċjenti u allura hemm bżonn li jiġu riveduti.

Kwistjonijiet li jeħtieġu attenzjoni
Billi żamm in-natura kumplessa tas-suġġett inkwistjoni, ir-rapporteur iddeċieda li jabbozza dokument ta' ħidma sabiex tingħibed l-attenzjoni għal ftit punti li r-rapporteur identifika bħala importanti li jiġu diskussi qabel titressaq opinjoni. Billi għamel dan, ir-rapporteur ipprova jqis it-tagħrif mid-diversi rapporteurs fl-oppożizzjoni li pparteċipaw fl-ewwel *shadow meeting*.

Bil-limiti massimi uffiċjali ta' opinjoni għal test mhux leġiżlattiv (1,500 karattru), ir-rapporteur tiegħek għażel li jiffoka fuq li joħloq/ibiddel ir-reġistru u mhux wisq fuq il-kodiċi ta' kondotta, għalkemm ir-rapporteur jagħraf l-importanza kbira ta' dan is-suġġett ukoll. Ħafna mill-mistoqsijiet imsemmija hawn taħt japplikaw ukoll għal kodiċi ta' kondotta (f'każ li jkun obbligatorju jew mandatarju biex tissottoskrivi għalih, jekk ikun hemm kodiċi wieħed ta' kondotta għall-istituzzjonijiet kollha eċċ.).

F'dan l-istadju, ir-rapporteur tiegħek jixtieq jiġbed l-attenzjoni għall-punti li ġejjin;

(1) Reġistru obbligatorju vs. volontarju?

Għalkemm għad hemm pressjoni f'xi oqsma favur li jagħmlu reġistru kontraenti b'mod legali, oħrajn isostnu li dan m'huwiex neċessarju sakemm dan ikompli jiġi infurzat b'mod konsistenti. Ir-rapporteur jara kemm vantaġġi kif ukoll żvantaġġi li wieħed ikollu reġistru obbligatorju jew volontarju rispettivament, uħud minnhom ikunu;

(a) Bl-għażla ta' reġistru volontarju aħna nkunu nistgħu;

- Niksbu l-aċċettazzjoni ta' numru wiesa' ta' *lobbyists*.
- Probabilment inkunu nistgħu naqblu fuq regoli aktar stretti dwar kxif finanzjarju milli kieku taħt sistema obbligatorja.
- Madankollu, wieħed jista' jiddubita l-effettività u t-trasparenza ta' sistema fejn mhux il-*lobbyists* kollha huma rreġistrati.

(b) Bl-għażla ta' reġistru obbligatorju aħna nkunu nistgħu;

[1] Il-ħtieġa għal Inizjattiva Ewropea ta' Trasparenza, diskors mill-Kummissarju Kallas fin-'Nottingham Business School' f'Nottingham, 3 ta' Marzu 2005.

- Niksbu sistema trasparenti għal-*lobbyists* kollha, inklużi dawk li qatt ma huma se jirreġistraw fuq bażi volontarja.
- Niksbu l-aċċettazzjoni mill-pubbliku u minn xi *lobbyists*.
- Madankollu, li jkollok reġistru obbligatorju jista' tabilħaqq ifisser standards aktar baxxi tal-kxif finanzjarju maħżun fis-sistema.

(2) Reġistru wieħed komuni jew diversi reġistri għall-istituzzjonijiet ta' l-UE?

(a) Ħafna minn dawk li jipparteċipaw fil-konsultazzjoni fuq il-Green Paper tal-Kummissjoni jappoġġjaw l-approċċ inter-istituzzjonali għal-*lobbying*, li jfisser li jkun hemm reġistru wieħed komuni għall-istituzzjonijiet ta' l-UE. Il-Kummissjoni tħaddan din l-opinjoni u temmen li reġistrazzjoni f'waqfa waħda għandha tipprovdi inċentiv miżjud għall-partijiet interessati biex jirreġistraw.

(b) Madankollu, oħrajn huma favur li jkollhom diversi reġistri, billi jaffermaw li nies fil-Parlament u fil-Kummissjoni jiġu immanuvrati b'modi differenti u l-aċċess għaż-żewġ postijiet huwa limitat b'modi differenti wkoll (b'hekk ifittxu rabta mas-sigurtà).

(3) Min għandu jkun irreġistrat?

Din l-entrata hija marbuta mill-qrib mad-definizzjoni ta' *lobbyists*. Ir-rapporteur jixtieq jiġbed l-attenzjoni għal żewġ kwistjonijiet;

(a) Tagħmel sens li wieħed jagħmel differenza bejn NGOs u oħrajn, li jkun ifisser li ssir distinzjoni bejn *lobbyists* li jirrappreżentaw interessi kummerċjali u dawk mhux kummerċjali rispettivament? Ir-rapporteur jixtieq jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li *front groups* korporattivi jew organizzazzjonijiet li jagħtu pariri fuq problemi kummerċjali (*think-tanks)* immexxija minn *lobbyists* professjonali huma fenomenu li qed isir dejjem aktar komuni fi Brussell.

(b) Ir-rapporteur jirrikonoxxi r-relazzjonijiet ta' kunfidenzjalità speċjali bejn l-avukati u l-klijenti tagħhom. Anki jekk dan ir-rekwiżit ta' kunfidenzjalità huwa marbut primarjament ma' l-assigurazzjoni tad-dritt għal kawża ġusta quddiem il-qorti, jista' jkun hemm każijiet fejn l-istess aġent (ditta ta' avukati) joffri li jieħu ħsieb kemm l-attivitajiet ta' *lobbying* tradizzjonali (li jinfluwenzaw lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet) kif ukoll li jirrappreżenta lill-klijent tiegħu fil-qorti (kontra l-istess persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet). Madankollu, l-avukati m'għandhomx ikunu jistgħu jinħbew wara l-kunfidenzjalità tal-klijenti meta jkunu qegħdin jagħmlu l-*lobbying*. Għalhekk, huwa estremament importanti li tinstab soluzzjoni kif tista' ssir din id-distinzjoni biex ikun żgurat li l-avukati jiġu ttrattati bl-istess mod bħal-*lobbyists* l-oħrajn kollha meta jaġixxu b'dan il-mod.

(4) X'għandu jiġi rreġistrat?

(a) Ir-rapporteur huwa ta' l-opinjoni li l-kxif finanzjarju huwa l-element prinċipali ta' trasparenza fil-*lobbying*. Reġistru bi kxif finanzjarju għandu diversi objettivi, b'dawk ewlenin ikunu; (i) iċ-ċittadini, dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-mezzi ta' komunikazzjoni jistgħu jidentifikaw u jevalwaw is-saħħa tal-forzi mexxejja l-aktar

importanti wara attività ta' *lobbying* partikolari, (ii) prattiki ta' *lobbying* problematiċi jistgħu jintgħarfu u jiġu indirizzati fi stadju bikri (bħall-iskandlu Abramoff fl-Istati Uniti), u (iii) huwa possibbli li tipprevjeni l-qerq u l-manipulazzjoni permezz ta' *front groups* jew organizzazzjonijiet li jagħtu pariri fuq problemi kummerċjali.

(b) Il-Kummissjoni tistabbilixxi kriterji minimi bbażati fuq approċċ ta' dħul, marbuta primarjament mal-fatturat u mal-piż relattiv tal-klijenti f'dan il-fatturat rigward *lobbyists professjonali*, stima ta' l-ispejjeż assoċjati mal-*lobbying* dirett għal *lobbyists "in-house" u assoċjazzjonijiet ta' kummerċ,* u fl-aħħarnett il-baġit globali u analiżi skond is-sorsi prinċipali ta' ffinanzjar fejn jidħlu *NGOs u organizzazzjonijiet li jagħtu pariri fuq problemi kummerċjali*.

(ċ) Ir-rapporteur jagħraf li hemm bżonn jintlaħaq bilanċ bejn l-interess tal-pubbliku u ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-għarfien fuq naħa waħda u d-dritt tal-kumpaniji li jżommu ċertu grad ta' segretezza fejn tidħol id-dejta finanzjarja tal-klijenti, minħabba li s-sensittività kummerċjali tagħha, fuq in-naħa l-oħra.

(d) Madankollu, ir-rapporteur jixtieq jistaqsi jekk l-istrateġija magħżula mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha hijiex qiegħda tilħaq 'il bogħod biżżejjed jew le – ser tipprovdi biżżejjed tagħrif biex tinkiseb trasparenza xierqa? Jew ikun jagħmel sens li wieħed jiffoka wkoll fuq l-ispejjeż relatati mal-*lobbying* bħal fl-Istati Uniti fejn sa mill-1995 kien obbligatorju li tirreġistra mhux biss *dħul* mill-klijenti iżda wkoll li turi l-*ispejjeż tal-lobbying*, flimkien ma' l-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet leġiżlattivi u regolatorji manuvrati. Barra minn hekk, il-kumpaniji tal-*lobbying* ġew obbligati li jiffajljaw rapporti kull sitt xhur fl-Istati Uniti.

(5) Kif għandu jiġi mmonitorjat reġistru?

(a) Il-Kummissjoni għażlet approċċ awto-regolatorju fejn tibqa' r-responsabbiltà tar-reġistranti li jikkalkulaw u juru b'mod preċiż u oġġettiv kif qegħdin jiġu ffinanzjati.

(b) Ir-rapporteur huwa ta' l-opinjoni li għandna bżonn xi tip ta' attività ta' skrutinju ta' l-informazzjoni sabiex nassiguraw l-eżattezza tagħha. Tkun idea tajba li jiġi stabbilit Kumitat ad hoc ta' madwar 20 MEP anzjan biex jiskrutinizzaw attività ta' *lobbyists* simili għal kif Westminster jara l-attività tal-*lobbying* (innota li fir-Renju Unit hemm aktar restrizzjonijiet fuq aċċess)? Jew għandha l-Kummissjoni tkun inkarigata (jekk ir-riżultat ikun reġistru wieħed komuni)?

(ċ) Ir-rapporteur jixtieq jistaqsi wkoll jekk is-sanzjonijiet għandhomx japplikaw jew le għal *lobbyists* li f'diversi okkażjonijiet taw tagħrif mhux sodisfaċenti jew żbaljat. Jekk iva, x'tip ta' sanzjonijiet ser ikunu rilevanti?

(6) Affarijiet oħrajn possibbli li għandhom jiġu diskussi

(a) Ir-regoli dwar *revolving doors* u perjodi ta' *cooling-off* għall-Kummissarji u l-ħaddiema taċ-ċivil għandhom jiġu riveduti?

(b) Għandu jkun obbligatorju jew volontarju għal-*lobbyists* li jaqblu fuq kodiċi ta'

kondotta (komuni)? Għandu jiġi rivedut il-kodiċi ta' kondotta kurrenti tal-PE? Jekk iva, min għandu jabbozzah?